***Pagament Per Saldo***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 3**
**Citazzjoni Numru: 2126/98/RCP**

**Fithome Limited**

**vs**

**Galaxy Holiday Resorts Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minn ghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' elf u zewg Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1002.86), bilanc minn somma akbar

ta' sittax il-elf tmien mija u qhaxar Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm16,810.33), rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' l-ghamara u partikolarment bibien maghmula, mibjuaha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq inkariqu taghha stess;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, izda baqghet dejjem inadempjenti;

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u zewg Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1002.86), bilanc minn somma akbar ta' Lm16,810.33, rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' ghamara maghmula u mibjugha lis-socjeta - konvenuta kollox kif fuq premess;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma msemmiia u cioe' dik ta' elf u zewg Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1002.86) rapprezentanti kif fuq spjegat u premess.

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' Sekwestru numru 3546/98, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-ebda amont ma' huwa dovut lis-socjeta attrici u dana billi meta sar il-pagament fil-11 ta' April 1997 fl-amont ta' LM3147.32 permezz ta' *cheque* lis-socjeta attrici, liema *cheque* issarraf fil-15 ta' April 1997, dan il-pagament sar *in full and final settlement* kif jidher mill-kopja tal-Ittra hawn annessa immarkata bhala dok. A.

2. Illi fit-tieni lok u bla preguzju ghall-ewwel eccezzjoni l-azzjoni tas-socjeta attrici hija preskritt a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

3. Illi fl-ahhar nett u wkoll bla pregudizzju ghall-ewwel u ghat-tieni eccezzjonijiet, l-amont mitlub mhuiex dovut billi x-xoghol in kwistjoni ma' sarx skond il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, difatti u wkoll kien hemm ksur tal-ftehim da parti tas-socjeta attrici, u dana kif sejer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

4. Illi in vista tas-sopraskritt it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

5. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess socjeta` konvenuta a fol 10 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokument esebit man-nota tal-eccezzjonijiet a fol 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti ordnat li s-socjeta` konvenuta tesebixxi c-cekk relattiv indikat fl-ittra a fol 12 b'kopja lill-kontroparti u ordnat lis-socjeta` attrici biex tesebixxi l-korrispondenza relattiva sussegwenti ghall-ittra tal-11 t'April 1997.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta a fol 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-31 ta' Jannar 2000 fejn Dr Spiteri Bailey ddikjara illi huwa veru illi s-socjeta` konvenuta baghtet l-ittra li kopja taghha tinsab esebita a fol 12 tal-process kif ukoll li c-cekk li kopja tieghu tinsab esebita a fol 17 gie msarraf pero` s-socjeta` konvenuta qabel ma sarrfet dan ic-cekk gharrfet lis-socjeta` attrici li kienet qeghda ssarfu '*minghajr pregudizzju*'. Hu ddikjara li din l-informazzjoni dwar it-tisrif tac-cekk u tal-ittra in kwistjoni ghaddihielu l-*accountant* tas-socjeta` attrici Gejtu Avallone. L-istess difensur iddikjara wkoll li bi hsiebu jipproduci x-xhieda ta' dan Avallone permezz ta' affidavit.

Rat ukoll il-verbali tas-seduti tal-10 t'April 2000, tal-10 ta' Mejju 2000; tal-11 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha dwar l-ewwel eccezzjoni; tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn xehed Alfred Vella. Dr Spiteri Bailey ddikjara li esebixxa nota bi tlett dokumenti u li m'ghandux aktar provi f'dan l-istadju; tat-23 ta' Jannar 2001 fejn Dr Louis Bianchi ghas-socjeta` konvenuta ddikjara li m'ghandu ebda provi ohra dwar l-ewwel eccezzjoni hlief l-ittra Dok A li tinsab esebita a fol 12 tal-process. Dr Bianchi tratta l-ewwel eccezzjoni. Dr Ian Spiteri Bailey msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghas-6 ta' Marzu 2001; u tas-6 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop ghall-24 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din is-sentenza titratta dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fejn eccepiet illi l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici u dan billi meta sar il-pagament fil-11 t' April 1997 fl-ammont ta' Lm3147.32 permezz ta' *cheque* lis-socjeta` attrici, liema *cheque* issarraf fil-15 t'April 1997, dan il-pagament sar *in full and*

*final settlement* kif jidher mill-kopja tal-ittra mmarkata bhala Dok ‘A’.

Illi min-naha taghha s-socjeta` attrici resqet din il-kawza ghas-somma msemmija li hi l-bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ ogetti ta’ l-ghamara u partikolarment bibien maghmula, mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha. Is-socjeta` attrici ammettiet li c-*cheque* imsemmi gie msarraf pero` dan mhux qabel ma gharrfet lis-socjeta` konvenuta permezz ta’ ittra li kienet qed issarfu ‘minghajr pregudizzju’.

Fil-fatt xehed **Alfred Vella**, ghan-nom tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont imsemmi fic-citazzjoni ghadu dovut. Inoltre ikkonferma wkoll li Dok A a fol 5 tal-process huwa rendikont ta’ l-invoices li kienu hargu u l-pagamenti li saru. Dak il-kont ghadu jezisti u l-ahhar pagament sar fit-13 t’April. Illi huma baghtulhom ittra u sarfu c-*cheque* qabel ma stennew risposta minghand is-socjeta` konvenuta. Illi dwar xi tnaqqis li talbu s-socjeta` konvenuta, kien hemm problema fuq *snagging* cioe` xi rqaqat li riedu jsiru biex jitkompla x-xoghol. Huwa qal li skond Dok AF3 (fol 42) datata 10 ta’ Dicembru 1996 dan kien sar u l-pagament li s-socjeta` konvenuta ghamlet kien wara din l-ittra.

In kontro-ezami ammetta li l-bieb tal-ufficcju tal-*general manager* ma sarx. Bhala raguni ta’ li ma nghatawx struzzjonijiet.

Illi kwindi l-kwistjoni kollha hi ladarba s-socjeta` attrici sarrfet ic-*cheque* imsemmi – meta kellha indikazzjoni cara li l-ammont kien qed jithallas *in full and final settlement* (Dok A a fol 12 tal-process) – anki jekk dan ghamlitu bla pregudizzju (Dok AF2 a fol 36 tal-process) dan ifisser illi tkun tilfet id-dritt ta' kwalunkwe bilanc iehor li tkun qed tirreklama?

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza "**Dr Stefan Camilleri LL.D. noe vs Calbros Ltd**" (2 ta' Dicembru 1999 – Cit Nru 1616/98/RCP) ikkwotat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Novembru 1986 fl-ismijiet "**William Apap vs Joseph Galea et noe**" fejn intqal hekk:

"*Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu*".

Illi f'dan il-kaz ikkwotat il-konvenut nomine akkompanja c-*cheque* b'ittra li ma kienitx thalli dubju dwar x'mod ta' pagament kien qed jigi offert. Illi fil-kaz odjern is-socjeta` konvenuta mac-*cheque* li ntbaghat kien akkompanjat b'ittra fejn fl-ahhar paragrafu kien hemm hekk: "*Consequently please find our cheque number 10111 for Lm3147.32 in full and final settlement of the account*".

Fl-istess kaz tal-Qorti tal-Appell kien inghad li:

"*Il-pagament ma giex offert b'xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretensjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu ma kellux isarraf ic-cheque li baghtlu l-konvenut nomine*".

Dan kollu gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 1991, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Penza vs John Mallia**"; u mill-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza fl-ismijiet "**Raymond Bonnici noe vs Horace Tonna**" – 24 ta' April 1992 – JSP – il-Qorti rriteniet illi:

"*Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-intenzjoni tal-attur nomine kienet cara, kif lanqas jista' jkun hemm dubju li l-kunsens tal-kreditur konvenut seta' kien vizzjat minn xi zball invincibbli li l-offerta kienet qed issir biss akkont tal-ammont minnu pretiz. Hu naturali li zball jew injoranza ta' ligi bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw il-pretensjoni tal-konvenut li, effetivament, bl-eccezzjoni li taha, qed isostni li hu kellu kull dritt li jaccetta pagament ghas-saldu bhala pagament akkont b'decizjoni unilaterali tieghu u li setgha jaghmel dan sempliciment billi jikkomunika lid-debitur kif u taht liema modalita` hu sarraf ic-cheque. Posizzjoni din legalment insostenibbli*".

Illi ricentement fi "**Trinatours Limited vs Martin Camilleri**" (Avviz Nru 524/98/DM – 27 ta' April 2001), il-Magistrat Dennis Montebello kkwota diversi sentenzi. Huwa rrefera

ghall-kawza fl-ismijiet "**St George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello noe**" – (Avviz 966/97) deciza fit-12 ta' Jannar 2001 mill-istess Qorti fejn intqal:

"*Din il-posizzjoni diga giet ikkunsidrata diversi drabi mill-Qorti taghna u l-gurisprudenza prepoderanti f'kwistjonjiet simili hija illi jekk il-kreditur jaccetta pagament mibghut lilu ghas-saldu ikun qieghed jikkonferma illi b'dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqghalu kreditu ghall-bilanc".*

Illi m'hemm l-ebda dubju li c-*cheque* li ntbaghat mis-socjeta` konvenuta ssarraf mis-socjeta` attrici. Dan jirrizulta kemm ghax gie ddikjarat mill-avukat difensur tas-socjeta` attrici, mix-xhud Alfred Vella, kif ukoll ikkoroborat minn Dok LB1 a fol 17 tal-process fejn jidher it-timbru fuq wara tac-*cheque* (li tieghu hu kopja) li gie pprezentat ghall-hlas. Kwindi jekk is-socjeta` attrici kellha pretensjonijiet ohra ma kelliex issarraf ic-*cheque* mibghut mis-socjeta` konvenuta. Il-fatt li baghtet ittra fejn qalet li dak kien se jkun konsidrat bhala pagament iehor fuq l-*account* u li kienu qed jinsistu sabiex l-ammont li kien ghad fadal jithallas mhux bizzejjed.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta**, tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' Mejju, 2001**